MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Avviz Numru. 624/2004

**Charles Bartolo**

**Vs**

**Peter Agius**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames t'elef Liri Maltin (Lm5000.00) dovuti lill-attur konsistenti f'self brevi manu mghoddija lill-intimat fit-12 ta' Lulju 2001 ghal xi loghob li l-intimat ried jaghmel fuq tigrija taz-zwiemel kif permess mill-Ligi ai termini ta' l-artikolu 1714 tal-Kap 16 tal-Ligijiet tal-Malta.

Bl-imghax legali mit-12 ta' Lulju 2001 u bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Novembru, 2003 kotnra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-18 ta' April 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' Lm5000.00 bl-imghax legali mill-erbgha (4) ta' Novembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Novembru 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------